**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 09/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/11/'12 292**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/11/'12 347**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Alex Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienu preżenti wkoll l-Perit tal-Kunsill is-Sur Stephen Farrugia flimkien ma' Ms Melanie Giordimaina u l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta' Novembru 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Attivita' tal-Milied
4. Rapport tax-Xogħolijiet
5. Budget / Business Plan Preparation
6. Tender - *Upgrading of Open Areas within Housing Estate* (Titjieb ta' Żoni Esterni f'Housing Estate) at Ta' Ġiorni, San Ġiljan
   - Ġnien Dun Anton Sciberras - *Administration of Complex*
7. Performance Bonus
8. Proġett - It-tieni fażi tal-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 08/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 08/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 23b/KA1/12, 24/KA1/12 u 24b/KA1/12 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A', 'B' u 'C').

1.3.06 Il-Kunsillier John Agius wasal fis-2.10p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 6312 | Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ftehim ta' Cash in Transit. |
| 6634, 6635 K1425 | Korrispondenza mingħand l-Ambaxxata Ċiniza dwar stedina lis-Sindku għal żjara fiċ-Ċina |
| 6652, 5617, 5564 | Korrispondenza rigward Triq Zammit Clapp quddiem ir-residenza nru. 9. |
| 6659 | Korrispondenza rigward dħul ta' ilma fil-kmamar tas-Sajjieda li hemm taħt Triq San Ġorġ. |
| 6935 | Korrispondenza rigward l-attivita Kunsilly 2012. |
| 7035 | Email mingħand il-Kunsillier John Agius rigward il-*magazine/newsletter* tal-Kunsill. |
| 6040 | Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 6312**

2.02 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ftehim ta' *Cash in Transit*.

2.03 **Rif Nru. 6634, 6635 & K 1425**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand l-Ambaxxata Ċiniza dwar stedina għas-Sindku għal żjara fiċ-Ċina. Ġie deċiż unanimament li l-ispejjeż tal-*flights* Malta/Beijing, Shanghai/Malta jitħallsu mill-Kunsill u li s-Sindku jingħata s-'subsistence allowance' għal dawk il-ġranet li ma jkunux koperti.

2.04 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech waslu fis-2.15p.m.

**Rif Nru. 6652, 5617, 5564**

2.05 B'riferenza għall-email rigward Triq Zammit Clapp quddiem ir-residenza numru 9. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lit-Transport Malta fejn jiġu nfurmati li l-bankina ma saritx min-naħa tal-Kunsill u għaldaqstant ma jistax jinżamm responsabbli. Il-Kunsill jitlob ukoll li t-Transport Malta tieħu kull azzjoni li jidhrilha li hi neċessarja.

**Rif Nru. 6659**

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward dħul ta' ilma fil-kmamar tas-sajjieda li hemm taħt Triq San Ġorġ. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jitlob '*follow up*' ta' x'sar s'issa.

**Rif Nru. 6040**

2.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-inc. 6040/12 li tittratta fuq Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. Peress li fil-laqgħa li għaddiet b'disvista ma gietx diskussa din il-korrispondenza din reġgħet inġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qed jiġi nfurmat li:

a) Il-Kunsill reġa' applika għal din l-iskema taħt il-Festa ta' Lapsi.

b) Inħarġet sejħa għal offerti għal *'organisations of activities / events'* dan jinkludi l-Karnival u l-Festa ta' Lapsi.

c) L-offerti jagħlqu nhar il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2012 fl-10.30a.m.

d) Ġiet sottomessa ukoll l-applikazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lir-Reġjun Ċentrali fis-16 ta' Novembru 2012.

2.08 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 8 qabel item 3.

2.09 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Progett**

**It-Tieni fażi tal-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri**

8.01 Il-Perit ta spjegazzjoni dettaljata tal-pjanta dwar it-tieni fażi tal-proġett għall-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri (Ara Appendiċi 'D').

8.02 Il-Kunsill issuġġerixxa li jiġi esplorat il-kunċett li jsir 'full accessibility' għal ġol-baħar fl-aħjar lokazzjoni.

8.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa nformali, *on-site* nhar is-Sibt 1 ta' Diċembru 2012 fil-11.30a.m., mar-residenti li joqogħdu fl-area tan-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri. Dan sabiex jingħataw informazzjoni dwar il-proġett. Wara din il-laqgha l-Perit jipprepara d-*draft* finali tal-pjanta u l-istima. Kopja tal-pjanta tintbagħat lill-Kunsilliera kollha u jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni u jkun hemm biżżejjed fondi mill-*Urban Improvement Funds* titkompla l-proċedura sabiex issir l-applikazzjoni lill-MEPA għall-PA No. u issir applikazzjoni għall-fondi tal-UIF jew xi skemi oħra.

8.04 Il-Perit Stephen Farrugia u Ms Melanie Giordimaina ġew skużati fit-3.00p.m.

8.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 5 qabel item 3.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**5 Budget / Business Plan Preparation**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi 'E' u 'F').

5.02 L-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' l-estimi għas-sena finanzjarja 2013 flimkien mal-pjan tax-xogħolijiet.

5.03 Wara diskussjoni qasira il-Vici-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan għas-sena finanzjarja 2013.

5.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 L-accountant Ms Johanna Caruana ġiet skużata fit-3.15p.m.

**3. Attivita' tal-Milied**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li din is-sena l-ħarġa ta' l-anzjani għal zmien il-Milied ser issir nhar il-Erbgħa 12 ta' Dicembru 2012. Din ser issir il-Great Dane Restaurant, il-Mellieħa Holiday Complex filwaqt li t-trasport ser jiġi provdut mill-Paramount Coaches. Dawn iż-żewġt offerti kienu l-aktar vantaġġjużi (Ara Appendici 'G' u 'H').

3.02 Ġie deċiż unanimament li l-ikla tal-Kunsill għal żmien il-festi tal-Milied ser issir il-Ħamis 3 ta' Jannar 2013 fit-8.30p.m. Għal din l-ikla ser jiġu mistiedna wkoll l-istaff tal-Kunsill.

**4. Rapport tax-Xogholijiet**

4.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2012 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2013 (Ara Appendiċi 'I' u 'J').

4.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapporti tax-Xogħolijiet.

4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li r-Rapport tax-Xogħolijiet ser jibqa' jiġi aġġornat sa l-aħħar tas-sena u li dan ir-rapport ser jintuża kull fejn ikun hemm il-bżonn.

**6 Tender**

***Upgrading of Open Areas within Housing Estate* (Titjieb ta' Żoni Esterni f'Housing Estate) at Ta' Ġiorni, San Ġiljan**

6.01 B'riferenza għat-tender ta' l-***Upgrading of Open Areas within Housing Estate at Ta' Ġiorni*** wara li l-Kunsill mexa fuq il-gwida li ngħata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, irċieva appell. Il-Kunsill reġa talab direzzjoni mid-Dipartiment u wara li ngħata ir-risposta, il-Kunsill innotifika lill-LK Ltd. biex jekk iwaqqa' l-appell, il-Kunsill kien ser ikompli bil-proċess ta' l-evalwazzjoni tat-tenders. Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-avukat ta' l-LK Ltd. li għarfet lill-Kunsill li l-klijent taha ikun dispost li jċedi l-appell kemm il-darba jingħata struzzjoni mill-Kunsill li t-tender ser ikun aġġudikat lilu stante li kien l-iktar wieħed vantaġġjuż. F'dan l-istadju l-avukat tal-Kunsill intalab jagħti l-gwida tiegħu peress li l-Kunsill ma jistax jgħid lill-LK Ltd li t-tender ser jiġi aġġudikat lilu minħabba li għad irid isir l-evalwazzjoni taż-żewġ offerti li ntefgħu. (Ara rif. 6964/12, 6607/12, K1508, 7004/12, K1519, 7030/12, K1523 – Appendiċi 'K')

6.02 Il-Kunsill irċieva d-data ta' l-appell li hija il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2012 (Ara 7014/12 Appendci 'L').

6.03 Il-Kunsill informa ukoll lill-Awtorita' tad-Djar sabiex ma jintilfux il-fondi ta' din l-iskema (Ara K1456, 7011/12, 7038/12 Appendici 'M').

**Ġnien Dun Anton Sciberras – *Administration of Complex***

6.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li reġa nħareġ it-tender għall-Amministrazzjoni tal-Kumpless Dun Anton Sciberras iżda ħadd ma ġabru (Ara Appendiċi ' N').

## 7. Performance Bonus

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat li l-iskrivani jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

7.02 Iċ-Ċermen ressaq il-'performance appraisal' tas-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tal-Kunsill u rrakomanda li tingħata l-massimu tal-performance bonus.

7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-massimu tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani (Ara Appendiċi 'O').

7.04 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondaha.

7.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.06 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

**9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'P').

9.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

9.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3305 sa 3309 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Q').

10.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3305 sa 3309.

10.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05 Ġie deċiz unanimament li kemm dawn ir-'Requests' kif ukoll dawk li huma 'on hold' tinħarġilhom il-'works order' f'Jannar 2013.

10.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**11 Materji Oħra**

11.01 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jieħu *ruling* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk jistax joħroġ sejħa

oħra għall-offerti biex jiżdied is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart domestiku f'dawk il-jumejn meta ikun qed jinġabar l-iskart riċeklat jew jekk jistax il-kuntrattur preżenti jżied is-servizz . Dan minħabba li l-ammont ta' dawn il-jumejn jaqbez l-20% ta' l-ammont tat-tender preżenti.

11.02 Ġie deċiż unanimament li jekk jirriżulta li l-Kunsill ikun jista' jżid dan is-servizz, l-ispiża tiġi ffinanzjata mid-dħul li għad irid jirċievi mill-Kumitat Konġunt Lvant b'konnessjoni ma' L.E.S.

11.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li saru il-laqgħat mal-Kuntratturi tal-*Public Private Partnership*, Raymond Attard, Green MT u Joseph Vella. Kopja ta' dawn il-minuti ntbagħtet lill-Kunsilliera kollha (Ara Appendiċi 'R, S, T,U').

11.04 Ġie deċiż unanimament li l-magazine tal-Kunsill ikun magħmul minn minimu ta' 16 il-paġna u massimu ta' 24 paġna.

11.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa pubblika ta' Paceville ser issir nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2012 fl-ufficju tal-Kunsill fis-6.00p.m. Filwaqt li l-laqgħa tal-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru ser tkun il-laqgħa tal-lokalita' u din ser issir nhar it-Tlieta 4 ta' Diċembru 2012 fis-6.00p.m.

11.06 Il-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2013 fis-2.00p.m.

11.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl- 4.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |